

Brussell, 1 ta' April 2022
(OR. en)

7689/22

FIN 374
INST 106

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER), l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)

Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER), l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)

"F'konformità mal-Punt 27 tal-Ftehim Interistituzzjonali (IIA) tal-20 ta' Diċembru 2020, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu dwar dan li ġej, abbażi tal-informazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni:

- Il-finanzjament tal-ammonti ppreżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja riveduta għall-*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija* (ACER) jista' jiġi żgurat fil-limitu ta' nfiq maqbul tal-intestatura 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perijodu 2021-2027. L-ammont annwali u l-pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment għall-ACER għas-sena finanzjarja 2022 diġà ġew inklużi fil-baġit tal-2022. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment għall-ACER għas-snin finanzjarji 2023-2027 ser jiġu deċiżi fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.
- Il-finanzjament tal-ammonti ppreżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja riveduta għall-*Aġenzija Ewropea għall-Mediċini* (EMA) jista' jiġi żgurat fil-limitu ta' nfiq maqbul tal-intestatura 2b tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perijodu 2021-2027. L-ammont annwali u l-pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment għall-EMA għas-sena finanzjarja 2022 diġà ġew inklużi fil-baġit tal-2022. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment għall-EMA għas-snin finanzjarji 2023-2027 ser jiġu deċiżi fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.

- Il-finanzjament tal-ammonti ppreżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja riveduta għaċ-*Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard* (ECDC) jista' jiġi żgurat fil-limitu ta' nfiq maqbul tal-intestatura 2b tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perijodu 2021-2027. L-ammont annwali u l-pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment għall-ECDC għas-sena finanzjarja 2022 diġà ġew inklużi fil-baġit tal-2022. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment għall-ECDC għas-snin finanzjarji 2023-2027 ser jiġu deċiżi fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.
- Il-finanzjament tal-ammonti ppreżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja riveduta għall-*Aġenzija Ewropea għall-Ambjent* (EEA) jista' jiġi żgurat fil-limitu ta' nfiq maqbul tal-intestatura 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perijodu 2021-2027. L-ammont annwali u l-pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment għall-EEA għas-sena finanzjarja 2022 diġà ġew inklużi fil-baġit tal-2022. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment għall-EEA għas-snin finanzjarji 2023-2027 ser jiġu deċiżi fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.
- Il-finanzjament tal-ammonti ppreżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja riveduta għall-*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi* (Europol) jista' jiġi żgurat fil-limitu ta' nfiq maqbul tal-intestatura 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perijodu 2021-2027. L-ammont annwali u l-pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment għall-Europol għas-sena finanzjarja 2022 diġà ġew inklużi fil-baġit tal-2022. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment għall-Europol għas-snin finanzjarji 2023-2027 ser jiġu deċiżi fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.

